DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1657

tas-6 ta' Novembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 ([1]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran.

(2) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri restrittivi stabbiliti fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894, il-Kunsill ikkonkluda li dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu estiżi sat-12 ta' Novembru 2021.

(3) L-entrati fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 jenħtieġ li tiġi aġġornata u emendata.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-12 ta' Novembru 2021 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.";

(2) L-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47).

ANNESS

Fl-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894, l-entrati 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1.	Mehmet Ferruh AKALIN	Data tat-twelid: 9.12.1960 Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 13571379758 Nazzjonalità: Turkija Ġeneru: maskil	Mehmet Ferruh Akalın huwa Viċi President (Assistant General Manager) u membru tal-Bord tad-Diretturi tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO). Huwa l-kap tad-Dipartimenti tat-TPAO għall-Esplorazzjoni, iċ-Ċentru għar-Riċerka u l-Iżvilupp u t-Teknoloġiji tal-Informazzjoni. Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tat-TPAO u kap tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tagħha, Mehmet Ferruh Akalın huwa responsabbli għall-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawn jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO li ma ġewx awtorizzati mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt. Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn: (a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019; (b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020; (c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar u April 2020; (d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Settembru 2020; (e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020; (f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fil-parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019.	27.2.2020
2.	Ali Coscun NAMOGLU	Data tat-twelid: 27.11.1956 Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 11096919534 Nazzjonalità: Turkija Ġeneru: maskil	Ali Coscun Namoglu huwa l-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO). F'din il-kapaċità, Ali Coscun Namoglu huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawn jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO li ma ġewx awtorizzati mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt.	27.2.2020"

			Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn: (a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019; (b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020; (c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar 2020 u April 2020; (d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Settembru 2020; (e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020; (f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih fil-parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019."	